DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 192533** **23.11.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia qiegħed jippubblika t-tweġiba tiegħu lill-Kap tal-Oppożizzjoni li ntbagħtet ftit tal-ħin ilu.

**Attachments: document** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

*L-iSpeaker* *The Speaker*

23 ta' Novembru 2019

Onor. Adrian Delia MP
Kap tal-Oppożizzjoni

Għażiż Adrian,

Is-Sedja ħadet nota tal-ittra tiegħek kontenenti t-talba biex jitlaqqa' l-Parlament b'urġenza.

Fil-konsiderazzjoni tagħha dwar l-urġenza is-Sedja ħadet in konsiderazzjoni dak li jgħid kemm l-Ordni Permanenti 8 dwar il-poter tal-Ispeaker li jlaqqa' l-Parlament għal raġunijiet ta' urġenza kif ukoll tal-parametri wżati minn diversi Speakers tal-Kamra meta ġew biex jiddeċiedu jekk jaċċettawx talba għal mozzjoni għall-Aġġornament tal-Kamra fuq ħaġa definita ta' importanza pubblika urġenti. Hawnhekk wieħed jinnota li kif ingħad f'diversi rulings, dwar il-kwestjoni tal-urġenza, is-Sedja mhux biss rat jekk il-materja nnifisha hijiex urġenti iżda wkoll jekk din tkunx tant mgħaġġla li l-Kamra jkollha tiddibattiha mill-aktar fis possibbli għaliex inkella jkun tard wisq jekk din l-istess materja tiġi tibattuta fi stadju ulterjuri.

Is-Sedja ħadet nota wkoll dwar dak li tgħid il-Kostituzzjoni dwar x'jikkostitwixxi emerġenza pubblika, dak li jgħidu l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra kif ukoll il-prattiċi segwiti fil-House of Commons.

Is-Sedja ħadet in konsiderazzjoni wkoll id-dikjarazzjoni li għamel il-Prim Ministru fil-Kamra fis-Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 20 ta' Novembru 2019 fejn assigura lill-istess Kamra li l-Gvern kien se jagħmel stqarrija u li anke kien propens li jalloka seduta sħiħa dwar il-materja in kwestjoni. Din il-propensità min-naħa tal-Gvern biex il-materja tiġi diskussa ġiet konfermata wkoll mid-Deputat Prim Ministru b'email li s-Sedja rċeviet illejla b'referenza għall-kopja tal-ittra tiegħek li inti għoġbok tgħaddilu. F'din l-istess komunikazzjoni li tagħha bil-permess tad-Deputat Prim Ministru qed tintbgħatlek kopja, jintqal li waqt "li l-Gvern japprezza s-serjetà tas-sitwazzjoni, (l-Onor Fearne) jirrepeti dak li qal il-Prim Ministru fil-Kamra tar-Rappreżentanti nhar l-Erbgha 20 tax-xahar, jiġifieri li l-Gvern bi hsiebu jitlob lill-Parlament jagħmel diskussjoni sħiħa dwar dan la darba l-pulizija jkunu kkonkludew x-xogħol tagħhom, u dan sabiex f'dan l-istadju delikat ma jsir xejn li jista' jtellef minn din l-investigazzjoni importanti."

Għaldaqstant, bi tweġiba għat-talba tiegħek stess biex nara jekk hemmx qbil bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra biex jitlaqqa' l-Parlament fis-siegħat li ġejjin, qiegħed b'din l-ittra ninformak li tali qbil ma jeżistix.

Inselli għalik,

Anġlu Farrugia

## Scicluna Ray at Parlament-MT

**From:** Farrugia Anglu at Parlament-MT
**Sent:** Saturday, 23 November 2019 18:45
**To:** Scicluna Ray at Parlament-MT
**Subject:** FW: [EXTERNAL] - Ittra Kap tal-Oppozzizjoni

Sent from my Samsung Galaxy smartphone.

-------- Original message --------
From: Chris Fearne <chrisfearne@me.com>
Date: 23/11/2019 18:34 (GMT+01:00)
To: Farrugia Anglu at Parlament-MT <anglu.farrugia@parlament.mt>
Subject: [EXTERNAL] - Ittra Kap tal-Oppozzizjoni

Ghaziz Mr Speaker,
Naghmel referenza ghall-komunikazzjoni tieghek u ghall-komunikazzjoni tal-Kap tal-Oppozizzjoni mibghuta lilek u li jien ikkopjat fiha.
Ninnota illi tali komunikazzjoni ma tinkludi ebda mozzjoni minn naha tal-Kap tal-Oppozizzjoni dwar is-suggett imsemmi minnu.
Minn naha tal-Gvern, waqt illi napprezza s-serjetà tas-sitwazzjoni, nirrepeti dak li qal il-Prim Ministru fil-Kamra tar-Raprezentanti nhar l-Erbgha 20 tax-xahar, jigrifieri li l-Gvern bi hsiebu jitlob lill-Parlament jaghmel diskussjoni shiha dwar dan la darba l-pulizija jkunu kkonkludew x-xoghol taghhom, u dan sabiex f'dan l-istadju delikat ma jsir xejn li jista' jtellef minn din l-investigazzjoni importanti.

Dejjem Tieghek,
Chris Fearne
Deputat Prim Ministru u Kap tal-Kamra

Sent from my iPad